**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 6 T'OTTUBRU, 2020.**

**Rikors Nru. 702/14GM**

**Stephania Abela Tickle ID 287475M**

**vs**

**MI Malta Limited C37756**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat tal-attriċi li permezz tiegħu, wara li ppremettiet illi:

1. Kienet taħdem mas-soċjeta' konvenuta bħala *operations manager* sad-9 t'Ottubru 2013. Oltre il-paga u benefiċċji oħra, hija kellha arranġament li bih kienet tieħu kummissjoni fuq il-qliegħ nett (wara l-ħlas tal-ispejjeż u t-taxxi) fuq il-kuntratti mad-ditti li kienet taħdem magħhom. L-esponenti tterminat ix-xogħol mas-soċjeta` f'Ottubru 2013.

2. Sussegwentement is-soċjeta' konvenuta ħallset lill-esponenti s-salarju u l-benefiċċji relatati, pero` minkejja li hi stess indikat li kie jonqosha tħallas lill-attriċi s-somma ta' €4,675.20 f'kummissjonijiet fuq xogħol fuq il-kuntratti ta' Globo, Emotions, ESI Lisbon, AKU u VVAA, u l-kummissjoni li kien jonqos li tinħadem fuq xogħol fuq il-kuntratti tad-ditti L'Oreal u Capagora, sussegwentement irrifjutat li tħallas din il-kummissjoni. L-attriċi tikkalkula li l-kummissjoni dovuta fuq dawn l-aħħar żewġ kuntratti tlaħħaq madwar €8,105. L-ammont dovut preċiż għandu jirriżulta mir-*records* tal-konvenuta. B'kollox għalhekk l-attriċi għandha tieħu mingħand is-soċjeta` konvenuta s-somma ta' €12,780.20.
3. L-attriċi talbet lis-soċjeta' konvenuta tħallas l-ammont hekk minnha dovuti lilha bħala kummissjoni, iżda din wara li kienet indikat li sejra tħallas, baqgħet ma ħallsitx.

Talbet lill-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li s-soċjeta` konvenuta hija kreditriċi tal-esponenti fis-somma ta' €12,780.20 dovuti bħala kummissjonijiet fuq il-kuntratti Globo, Emotions, ESI Lisbon, AKU, L'Oreal u Capagora, kif fuq spjegat.

2. Tikkundanna lis-soċjeta` konvenuta sabiex tħallasha s-somma hawn fuq imsemmija ta' €12,780.20 jew kull ammont ieħor verjuri li din il-Qorti tista tillikwida.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra legali tal-11 t'ottubru 2013 u tl-14 ta' Frar 2014, tal-ittra uffiċċjali tas-17 ta' Marzu 2014, u tal-mandat ta' sekwestru numru 1133/14 kontra s-soċjeta' konvenuta;

Rat ir-Risposta Ġuramentata li permezz tagħha s-soċjeta` konvenuta eċċepiet illi:-

1. M'għandha tħallas lill-attriċi ebda flejjes anzi bil-maqlub, hija s-soċjeta` esponenti li għandha titħallas ammonti konsiderevoli ta' flus mingħand Stephania Abela Tickle u dana kif espost u mitlub fil-kawża fl-ismijiet *MI Malta Ltd vs Abela Tickle Stephania* Rik Ġur Nru 688/2014 JRM.

2. Inoltre u in kwantu dak mitlub mir-rikorrenti, is-soċjeta` esponenti m'għadha tħallas ebda flus u jekk xejn u bla preġudizzju dak mitlub huwa esaġerat.

Illi l-attriċi ressqet provi dokumentarji sabiex isostni t-talba tagħha;

Illi waqt il-kontro-eżami li sarlu, Douglas Barbaro Sant direttur tas-soċjeta` konvenuta stqarr li ma kellu l-ebda problema jħallas il-commissions kif pretiżi mill-attriċi[1]; salv li dan l-ammont jiġi paċut mal-ammont li kien qiegħed jippretendi li jieħu bħala danni fil-kawża Rik. Gur. 688/14 fl-ismijiet inversi;

Illi għalhekk, anke in vista tal-ammissjoni ta' Douglas Barbaro Sant, il-pretenzjonijiet tal-attriċi ġew ippruvati;

***Decide***

Għal dawn il-motivi, l-Qorti:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li s-soċjeta` konvenuta hija debitriċi tal-attriċi fis-somma ta' €12,780.20 dovuti bħala kummissjonijiet fuq il-kuntratti Globo, Emotions, ESI Lisbon, AKU, L'Oreal u Capagora.

2. Tilqa' t-tieni talba billi tikkundanna lis-soċjeta` konvenuta sabiex tħallas lill-attriċi s-somma hawn fuq imsemmija ta' €12,780.20.

[1] Fol 353 (702/14)

Spejjeż, inklużi dawk tal-ittra legali tal-11 t'ottubru 2013 u tl-14 ta' Frar 2014, tal-ittra uffiċċjali tas-17 ta' Marzu 2014, u tal-mandat ta' sekwestru numru 1133/14 a kariku tas-soċjeta` konvenuta u bl-imgħax legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-eventwali ħlas effettiv.

Moqrija.

GRAZIO MERCIECA

IMHALLEF